MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru 1254/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**RITA VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **RITA VELLA** ta' tmienja w erbghin sena mart Martin, bint l-mejjet Emanuel Aquilina u Mary nee Rapa, imwielda Floriana nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 1958 u toqghod 64, Triq San Tumas, Floriana, detentrici tal-karta tal-identita numru 475858M giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'Lulju 2006 u fil-gimghat precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq ta’ *cashlink* tal-Bank of Valletta ghad-dannu ta’ Mary Briffa, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

2. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza’ ta’ xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ iktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira lira maltin ghad-dannu ta’ Mary Briffa mill-Hamrun;

3. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizazzjoni wzat l-kodici ta’ dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’*computer*.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 markat bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2007 li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum l-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputata.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex

jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputata kkoperat maghha tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputata hallset il-vittma ghas-saldu u b'hekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.
Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata m'ghandha ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhalikieku hija *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputata hallset il-vittma ghas-saldu u b'hekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261, 268, 308, 309, 310, 337C(1)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lill-imputata RITA VELLA hatja tal-akkuzi kollha kif minnha ammessi u tiddecidi li tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta taht s-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. L-imputata probationer Rita Vella ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn [2] snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz**

**kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' sentejn [2] snin u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata probationer u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**RITA VELLA**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, 24 ta’ Jannar 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija **RITA VELLA giet mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ sentejn [2] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ Probation lil imputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputata wriet li trid jhares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmija **RITA VELLA** ta’ tmienja w erbghin sena mart Martin, bint l-mejjet Emanuel Aquilina u Mary nee Rapa, imwielda Floriana nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 1958 u toqghod 64, Triq San Tumas, Floriana, detentrici tal-karta tal-identita numru 475858M **titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' sentejn [2] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

**1. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn [2] snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' sentejn [2] snin u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer Rita Vella ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.**

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..
**RITA VELLA**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------